MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1732/1996/1

**Mary Muscat**

**Vs**

**Anthony Muscat**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Marzu 1985 fil-Laboratorju tal-Pace, Hal Far;

Premess illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba adulterju, mohqrija, sevizzi

gravi, swat ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut;

Premess illi miz-zwieg twieldet tifla, ossia Denise li ghadha minuri;

Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Marzu 1996, digriet numru 313/96, kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dok. A, biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri fuq imsemmija f'idejn l-attrici;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghat-tifla minuri taghha;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja porzjon wiehed lill-attrici u l-porzjon l-iehor lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrci fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-atrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent jaqbel illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment, izda jsostni li dan kien htija ta' l-attrici, minhabba l-intransigenza u r-rigidita` taghha u mhux ghar-ragunijiet lamentati mill-attrici, Ghalhekk l-eccipjent jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti, peress li z-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba inkompatibilita` ta' karattru;

2. Illi l-eccipjent jaqbel li l-kura u kustodja tat-tifla minuri tal-kontendenti tigi fdata f'idejn l-omm, izda jrid li hu jkollu access ahjar u aktar spiss ghal bintu, partikolarment minhabba l-istat ta' sahha li tinsab fih l-istess minuri;

3. Illi l-eccepjenti lest li jibqa jhallas il-manteniment stabbilit mis-Sekond' Awla ghal bintu minuri;

4. Illi l-eccipjent jaqbel ukoll mar-raba' domanda, pero` jindika li fil-mori tal-kawza l-partijiet ga llikwidaw u qasmu l-komunjoni ta' l-akkwisti u l-oggetti kollha ndikati fil-hames domanda ga gew konsenjati lill-attrici;

Ghalhekk jidher illi, salv l-adezjoni totali tal-kontro parti ma' dak indikat aktar 'il fuq, din l-Onorabbli Qorti tista' facilment tghaddi ghas-sentenza fuq il-punti kollha;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Mejju 1997 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Bhala ragunijiet ghall-obbjettiv taghha li titlob il-firda personali l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut zewgha l-adulterju, il-mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji u abbandun;

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi htija fl-attrici ghat-tkissir taz-zwieg. Skond hu, dan hu dovut ghall-intransigenza u r-rigidita` taghha. Fl-ispjega minnu fornita fl-Affidavit tieghu (fol. 72) martu kienet dominanti f'kollox, b'kontroll assolut, karattru possessiv u tghir ghalih. Ghalih dan kien kaz ta' inkompatibilita` ta' karattru;

In succint il-fatti f'din il-kawza jistghu jigu hekk ri-epilogati:-

I. Il-koppja zzewget fl-1985. Ghall-attrici (fol. 42) l-inkwiet serju bejniethom tfacca fl-1993 meta hi bdiet tissuspetta li l-konvenut kellu wicc haddiehor u beda jiffrekwenta spiss lil certa Maria Falzon, li maghha zewgha issa qed jghix abitwalment;

II. L-attrici takkuza lill-konvenut bi kliem hazin, dagha, u dizrispett lejha u lejn il-bniet minuri komuni. Tghid li kien ibaxxiha quddiem in-nies u f'okkazjoni minnhom sawwatha, kif iddimostrat bl-esebizzjoni tac-certifikat mediku (fol. 45);

III. Tafferma inoltre li zewgha ftahar maghha li kien "qalibiela ma' tnejn", u li kien ilu zmien twil ma' Maria Falzon u minnha kellu tifel;

IV. Fl-affidavits rispettivi taghhom il-genituri taghha Thomas Abela (fol. 47), Doris Abela (fol. 49) u huha Carmel Abela (fol. 51) isostnu l-versjoni ta' l-attrici bl-aggunta ta' l-incident tat-theddid b'telefonata mill-konvenut u li dwarha ddepona wkoll PS 1218 Raymond Vella (fol. 131);

Jigi notat illi fl-Affidavit tieghu l-konvenut la zmentixxa diskors martu dwar l-attribuzzjoni fil-konfront tieghu ta' infedelta` lejha u lanqas tar-relazzjonijiet extra-konjugali tieghu. Innega biss il-fatt tas-swat u tal-mohqrija. Dan fuq l-assunt tieghu illi martu qatt ma ntavolat rapport mal-Pulizija fuq daqshekk;

Evalwati l-provi u l-versjonijiet attendibbli fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jidherx li jista' jkun hemm dubju illi fic-cirkostanzi ta' fatt fuq imsemmija l-konvenut ghandu l-kolpa magguri ghat-tifrik taz-zwieg;

Issa kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri ("**Caterina Agius -vs- Benedict Agius**", Prim' Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967);

Hekk, per ezempju, "biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jisthux jkomplu jghixu flimkien" ("**Antonia Mifsud -vs- Giuseppe Mifsud**", Appell Civili, 21 ta' Frar 1969);

Minn dak deskritt mill-attrici l-incident tas-swat kienet okkazjoni izolata ta' darba. Dan pero` ma jfissirx pero` li ma kienetx tirrizulta l-mohqrija u s-sevizzi meta dawn ikun "*abituali o almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza*" (**Vol. IX pag. 274**);

Certi fatti, kliem u modi ta' atteggjament jaghtu lok ukoll ghal mohqrija u sevizzi. Hija sevizja meta l-konvenut iqatta' s-santi ta' bintu jew jcekken lil martu quddiem terzi. Lanqas ma huma tollerabbli mbaghad certi *vie di fatto* fuq martu. Dan fl-ebda grad, billi kif jinsab ritenut dawn "joffendu l-persuna li kontra taghha huma direti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom" ("**Vol. XXXI P I p 200; Vol. XXVI P I p 246**);

Fuq kollox, imbaghad, l-adulterju, konfessat mill-konvenut minn dejjem gie meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali" (**Vol. XXXVII P II p 693**);

Certament ghal komportament tieghu versu martu l-konvenut ma jistax isib rifugju fl-addebitu ta' l-inkompatibilita` tal-karattru. Dan il-motiv ma jistax jimmaskera l-fatt ta' l-adulterju u "*un contegno di indifferenza persistente che costituisce una sevizia morale*" (**Vol. XXVIII P II p 298**);

Anke jekk jigi koncess li kien hemm nuqqas ta' komprensjoni da parte ta' l-attrici versu zewgha, dan in-nuqqas ma huwa bl-ebda mod komparabbli mal-htija cara u lampanti tieghu bl-infedelta` manifesta;

La l-Qorti rrizultawlha provati dawn il-kawzalitajiet mhux il-lok li tinoltra ruhha fuq dawk l-ohrajn proposti mill-attrici bhala bazi u raguni tat-talba taghha;

Kwantu ghal manteniment ghall-htigijiet tal-minuri konsiderat li din illum ghandha tlettax-il sena l-Qorti ma ssibx raguni biex tiddiminuwixxi l-ammont mensili stabbilit fid-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Settembru 1998 (fol. 90), kif qed jippretendi l-konvenut. Anzi, konsiderat it-trapass taz-zmien, u certament il-bzonnijiet dejjem ezigenti fiz-zmenijiet tallum, l-ammont hemm prefiss ghandu jawmenta ruhu ghal hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) fix-xahar;

Fir-rigward ta' l-access pero` l-Qorti hi propensa li takkorda lill-konvenut aktar hin minn dak attwali li donnu baqa' immutat minn kif stabbilit fid-digriet tal-Qorti tas-Sekond' Awla fis-26 ta' Marzu 1996 (fol. 7). Dan fil-mod kif ser ikun provdut fid-dispozittiv, attiz ukoll dak maqbul bejn il-partijiet fis-seduta tad-29 ta' Lulju 1998 (fol. 144).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba attrici u b'hekk tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut;

Takkolji wkoll it-Tieni Domanda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-bint minuri Denise lill-attrici, b'dan pero` illi qed tikkoncedi lill-konvenut id-dritt ta' l-access kull nhar ta' Erbgha mis-sitta ta’ filghaxija sat-tmienja ta’ filghaxija (6:00 p.m. - 8:00 p.m.) u nhar ta' Hadd mid-disgha u nofs ta’ filghodu sas-siegha ta’ wara nofsinhar (9:30 a.m. - 1:00 p.m.) Fil-perjodu tas-sajf l-hin ta' l-access jizdied kull nhar ta' Erbgha mill-hamsa u nofs ta’ filghaxija sat-tmienja u nofs ta’ filghaxija (5:30 p.m. - 8:30 p.m.) u nhar ta' Hadd mid-disgha u nofs ta’ filghodu sal-hamsa u nofs ta’ filghaxija (9:30 a.m. - 5:30 p.m.);

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda billi tiffissa l-ammont ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) fix-xahar bhala manteniment ghal bint minuri. Dan l-ammont ghandu jithallas puntwalment u direttament mill-konvenut jew permezz ta' hlas mill-paga tieghu minn min ihaddmu;

In vista tal-verbal kongunt tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 1997 (fol. 24) li permezz tieghu iddikjaraw li huma qasmu bonarjament l-assi komponenti l-komunjoni ta' l-akkwisti u jinsabu sodisfatti b'dak kollu li rcevew il-Qorti filwaqt li tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-Raba' Domanda;

Il-Qorti qed tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tal-Hames Domanda billi fir-rigward ta' l-oggetti parafernali ma ngiebu l-ebda provi;

Skond il-volonta` tal-partijiet il-Qorti tiddikjara illi l-partijiet reciprokament iddecidew li jirrinunzjaw ghad-drittijiet successorji u ghad-dritt tal-manteniment minghand xulxin;

Fir-rigward tas-safar tal-minuri dan jista' jsir biss bil-ftehim taz-zewg konjugi jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti in difett ta' qbil. Il-Qorti tawtorizza li t-tifla ghandu jkollha passaport ghaliha.

Finalment l-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------